MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 972/2002/1

**Media Link Communications Co. Ltd.**

**vs**

**Shelving Systems Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm143.75), rapprezentanti hlas ghal reklamar fuq il-mezzi tal-media tas-socjeta` attrici, ordnat mis-socjeta` konvenuta, u mhux imhallas, skond kif jidher mill-prospett anness mal-avviz u mmarkat Dok.A;**
**Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm143.75) bl-imghaxijiet legali mill-15 t'April, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------